MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

**S.T.O. PRIM IMHALLEF**
**SILVIO CAMILLERI**

**ONOR. IMHALLEF**
**ALBERT J. MAGRI**

**ONOR. IMHALLEF**
**TONIO MALLIA**

Seduta tal-31 ta' Jannar, 2011

Appell Civili Numru. 210/2006/1

**Angela Borg, Salvina Bugeja, Maria Galea, Joseph Cachia, Michael Cachia u Frank Cachia**

**v.**

**Anthony Sciberras**

**Il-Qorti:**

Rat ir-rikors guramentat tal-atturi pprezentat fl-14 ta' Marzu 2006, li jaqra hekk:

“Illi l-atturi huma proprjetarji ta’ parti minn ghalqa diviza gewwa Hal Safi, mmarkata bl-ahmar fuq *site plan* hawn anness u mmarkata bhala Dok AB1.

“Illi l-konvenut xtara u akkwista minghand terzi l-parti mmarkata bil-kulur blu mill-ghalqa kontigwa ghall-proprjeta` tal-esponent fuq is-*site plan* ga` ndikat.

“Illi l-parti ta’ quddiem l-istess sit mmarkat bil-blu appena ndikat, fil-parti mmarkata bl-ahmar, proprjeta` tal-atturi, u mmarkata bi strixxi suwed, ta’ circa 48.57 metri kwadri, fi Triq Hajt Ruman, Safi, hija ntenzjonata ghall-*front garden* u parti mit-triq.

“Illi ghal kull buon fini ghandu jinghad li l-atturi diga` bieghu u ttrasferew partijiet ohra minn din l-istess art lil terzi li xtraw u akkwistaw siti ohra adjacenti ghas-sit akkwistat mill-konvenut u dan kif jirrizulta mill-kopja ta’ wiehed mit-trasferimenti hawn anness u mmarkat bhala Dok AB2.

“Illi l-konvenuti kellhom l-intenzjoni jghaddu minn fuq l-art proprjeta` tal-atturi sew fizikament kif ukoll permezz t’ingenji u urew bic-car l-intenzjoni taghhom li riedu jaghmlu pussess tal-istess proprjeta` tal-atturi.

“Illi minhabba fil-premess l-istess atturi intavolaw talba ghall-hrug ta’ mandat t’inibizzjoni fil-21 ta’ Marzu 2005 kontra l-istess konvenuti, liema mandat gie milqugh u li gie esegwit fid-9 ta’ Frar 2006.

“Ghaldaqstant ir-rikorrenti jitolbu bir-rispett li din l-Onorabbli Qorti joghgobha:

“1. Prevja kull dikjarazzjoni u/jew provvediment li din il-Qorti thoss li ghandha taghti fic-cirkostanzi, tiddikjara illi l-konvenut m’ghandu l-ebda jedd fil-ligi illi jghaddi jew bir-rigel, jew bl-ingenji tieghu minn fuq il-proprjeta` tal-atturi ndikat aktar ’il fuq f’dan ir-rikors.

"2. Tiddikjara li l-konvenut m'ghandu l-ebda jedd illi jikkostruwixxu aperturi jew xort'ohra li jaghtu ghal fuq il-proprjeta` tal-atturi.

"3. Tikkonferma l-effetti tal-mandat t'inibizzjoni bin-numru 492/05 fl-istess ismijiet ga` milqugh minn din l-Onorabbli Qorti."

Rat ir-risposta tal-konvenut li in forza taghha eccepixxa illi:

"1. Illi huwa flimkien ma' martu Mary Sciberras huma proprjetarji tal-*plot* ossia porzjoni ta' art diviza li tinsab fi Triq Hajt Ruman, Hal Safi liema porzjoni hija indikata bl-ahmar fuq l-annessa pjanta u indikata bin-numru erbgha u hamsin (54). Ix-xoghol li kien qed isir mill-esponent huwa gewwa din il-porzjoni ta' art li tappartjeni lilu u mkien izjed. Din il-porzjoni ta' art giet akkwistata mill-konjugi Sciberras permezz ta' kuntratt fl-atti tan-Nutar Joseph Lia tal-25 ta' Mejju 2000 (kopja annessa). Jigi rilevat ukoll illi din l-art giet akkwistata mill-konjugi Sciberras minghand omm Mary Sciberras, il-mara tal-esponent, u cioe` Carmela Muscat li da parti taghha kienet akkwistat l-istess art minghand bintha Mary Sciberras nee` Muscat (mart l-esponent). Kopji tal-kuntratti relattivi fl-atti tan-Nutar Joseph Raphael Darmanin tal-11 ta' Awwissu 1983 u tan-Nutar Paul Pullicino tas-16 ta' Settembru 1974 qed jigu annessi;

"2. Illi l-esponenti flimkien mal-familjari tieghu kienu dejjem u ripetutament jaccedu fuq din l-art u f'ebda stadju ma gew avvanzati pretensjonijiet mir-rikorrenti jew l-awturi taghhom illi parti minn din l-istess art ma kienitx tappartjeni lilhom;

"3. Illi t-triq illum maghrufa bhala Triq il-Hajt Ruman, f'Hal Safi, ilha formata mill-inqas mill-1993 kif jixhed *aerial photo* li qed jigi anness;

"4. Illi kien biss meta l-esponent beda jibni l-*plot* tieghu u wasal biex jibni l-parti ta' quddiem vicin it-triq gia` formata u li hija ntiza bhala *front garden* illi huwa gie notifikat bi proceduri ta' mandat ta' inibizzjoni 492/05 GC.

Ghandu jigi rilevat ukoll illi matul il-kors ta’ dawk il-proceduri r-rikorrenti kienu ddikjaraw fl-atti illi ma kellhomx oggezzjoni li l-esponent jghaddi mill-parti ta’ quddiem tal-*plot* biex ikompli jsir il-bini u zvilupp tal-*plot* lil hinn mill-*front garden*.

“5. Illi attwalment il-bini li gie approvat mill-awtoritajiet u li sar mill-esponent jikkonsisti fil-pjan terran. L-uniku bini li ghadu ma tlestiex hija t-tromba fuq il-bejt. Kif jidher mill-annessi ritratti, l-uniku access li ghandu l-esponent ghat-triq hija billi jghaddi minn fuq dan il-*front garden*, li parti minnu r-rikorrenti jallegaw li jappartjeni lilhom.

“Illi fl-isfond ta’ dawn il-fatti l-esponent jeccepexxi:

“1. Illi fl-ewwel lok jispetta lir-rikorrenti li jgibu prova tat-titolu taghhom ghal-art mertu ta’ din il-vertenza.

“Illi wiehed kien jippretendi illi r-rikorrenti kien jesebixxu kuntratt jew provenjenza cara ta’ kif akkwistaw l-art in kwistjoni oltre pjanta cara li tindika li l-art mertu ta’ dawn il-proceduri hija tabilhaqq proprjeta` tar-rikorrenti. Kull ma gie esebit mar-rikors promotur huwa kuntratt li in forza tieghu huma bieghu lil terzi bicca art li m’ghandha x’taqsam xejn ma’ din il-vertenza, oltre *site plan* li minnha nfisha ma tistax titqies bhala xi prova tat-titolu allegat jew vantat mir-rikorrenti;

“2. Illi minghajr pregudizzju ghall-premess, l-art in kwistjoni tappartjeni lill-esponent flimkien ma’ martu Mary Sciberras billi huwa evidenti li l-kuntratt tal-akkwist taghhom jestendi ghall-bicca art mertu tal-kawza.

“3. Illi minghajr pregudizzju ghall-premess, il-bicca art mertu tal-vertenza giet akkwistata bil-preskrizzjoni decennali kif kontemplat fl-Artikolu 2140 tal-Kodici Civili.

“4. Illi subordinatament u minghajr pregudizzju ghall-premess, ladarba kif jigi pruvat, l-esponent ma ghandux access jew mod iehor kif jista’ johrog ghat-triq

mill-fond li bena, huwa ghandu dritt li jgieghel lir-rikorrenti f'kaz li jigi stabbilit li huma s-sidien tal-fond ossia parti tal-*front garden* sabiex jaghtuh access u moghdija bir-rigel u bl-ingenji, bi hlas ta' kumpens proporzjonat a tenur tal-Artikolu 447(1) tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta.

"5. Illi kwantu ghat-tieni talba tar-rikorrenti sabiex ma jinbnewx aperturi, din it-talba hija wkoll insostenibbli billi kif jirrizulta mill-istat ta' bini, il-faccata tal-fond mibni mill-esponent jikkonsisti minn zewg bibien u cioe` bieb ta' garaxx u bieb iehor principali, li huma essenzjali biex l-istess esponenti jkollu access ghall-fond. F'kaz illi fil-futur l-esponent ikompli jibni sulari addizzjonali, m'huwiex lecitu illi ma jkollux aperturi fuq il-faccata tieghu stess billi tali talba hija legalment insostenibbli u fi kwalunkwe kaz ghaliex mhu ser jinholoq ebda impediment jew inkonvenjent lir-rikorrenti.

"6. Illi f'kull kaz it-talbiet tar-rikorrenti huma infondati fil-fatt u fid-dritt."

Rat is-sentenza moghtija mill-Prim Awla tal-Qorti Civili fis-6 ta' Novembru 2009 li forza taghha ddecidiet il-kawza billi:

"1. tiċħad l-eċċezzjoni ta' preskrizzjoni taħt l-art. 2140 tal-Kodiċi Ċivili;

"2. tiċħad it-talbiet tal-atturi u tgħid illi l-konvenut għandu jedd illi jgħaddi bir-riġel u bl-inġenji fuq l-art li dwarha saret il-kawża, li tibqa' proprjetà tal-atturi, b'dan illi għandu jħallas lill-atturi kumpens darba waħda biss ta' mitejn euro (€200).

"L-ispejjeż tal-kawża għandu jħallashom il-konvenut."

Dik il-Qorti tat is-sentenza taghha wara li ghamlet is-segwenti konsiderazzjonijiet:

"Il-fatti relevanti seħħew hekk:

"B'kuntratt tas-16 ta' Diċembru 1974 Mary Muscat (illum Sciberras, mart il-konvenut) kienet xtrat biċċa art tal-kejl ta' madwar sitta u tletin qasba kwadra (36 q.k.) magħrufa bħala *plot 54* f'Ħal Safi. Din l-art tmiss mil-lbiċ "ma' triq ġdida proġettata". B'kuntratt ieħor tal-11 t'Awissu 1983 l-istess Mary Muscat, li issa saret Sciberras għax kienet iżżewġet lill-konvenut, bigħet l-istess art lil ommha Carmen Muscat. F'dan il-kuntratt l-art tingħad li għandha kejl ta' ftit aktar minn mija u tmienja u ħamsin metru kwadru (158.07 $m^2$). Imbagħad, b'kuntratt ieħor tal-25 ta' Mejju 2000 Carmen Muscat bigħet l-istess art lill-konvenut Anthony Sciberras. F'dan il-kuntratt ukoll l-art tingħad li għandha kejl ta' ftit aktar minn mija u tmienja u ħamsin metru kwadru (158.07 $m^2$), u illi tmiss mil-lbiċ ma' Triq il-Ħajt Ruman.

"L-art li minn fuqha tgħaddi Triq il-Ħajt Ruman kienet ittieħdet mill-gvern mingħand il-konvenuti. Ġara iżda li fuq il-post il-bini ħareġ aktar 'il-barra u t-triq spostat aktar lejn il-lbiċ b'mod illi bejn l-art li ttieħdet mill-gvern u l-linja tal-bini hemm biċċa oħra li ma tteħditx mill-gvern u baqgħet tal-atturi[1]. Minħabba f'hekk, quddiem il-bieb ta' barra tal-konvenut 'il ġewwa mit-triq għal tul ta' żewġ metri u ħamsa u ħamsin ċentimetru (2.55 m) hemm biċċa art żgħira triangolari li tidħol 'il ġewwa sa tmenin ċentimetru (0.8 m) lejn il-bini tal-konvenut sakemm tiġi għax-xejn. Din l-art hija murija bl-aħmar fuq il-pjanta li qiegħda *fol.* 91 u għandha kejl ta' ftit aktar minn metru kwadru ($2.55 \text{ m} \times 0.8 \text{ m} \times \frac{1}{2} = 1.02 \text{ m}^2$).

"Ngħaddu issa biex inqisu l-eċċezzjoni ta' preskrizzjoni.

"Il-konvenut qiegħed jistrieħ fuq il-preskrizzjoni akkwiżittiva ta' għaxar snin taħt l-art. 2140 tal-Kodiċi Ċivili.

"Din il-preskrizzjoni teħtieġ mhux biss il-mogħdija ta' għaxar snin, it-titolu u l-*bona fides* iżda wkoll il-possess illi, fost ħwejjeġ oħra, irid ikun mhux ekwivoku. Il-qorti tifhem illi l-pussess sar mhux ekwivoku meta l-konvenut bena fuq

[1] Ara x-xiehda ta' Peter Mamo, *operations manager* tat-Taqsima tal-Proprjetà tal-Gvern, fis-seduta tal-5 ta' Mejju 2009, u l-pjanta minnu esebita.

l-art tiegħu u għalhekk beda jidher ċar illi kellu l-pussess tal-art bejn il-faċċata tal-bini tiegħu u l-linja tat-triq. Qabel ma sar il-bini l-art kien igħaddi minn fuqha kulmin kellu proprjetà fl-inħawi u għalhekk ħadd ma kellu pussess mhux ekwivoku. Sa meta sar il-kuntratt tal-25 ta' Mejju 2000, iżda, l-art kienet għadha ma nbnietx, għax bis-saħħa ta' dak il-kuntratt il-konvenut kiseb mhux bini iżda "porzjoni diviża ta' art fabbrikabbli". Sa dakinhar, għalhekk, il-konvenut ma kellux pussess mhux ekwivoku. Il-kawża tallum infetħet fl-14 ta' Marzu 2006, anqas minn għaxar snin wara.

"L-eċċezzjoni ta' preskrizzjoni taħt l-art. 2140 tal-Kodiċi Ċivili hija għalhekk miċħuda.

"Ngħaddu issa biex inqisu l-meritu.

"L-azzjoni tallum ma hijiex revindikatorja iżda negatorja; l-atturi ma humiex qegħdin ifittxu li jieħdu lura l-art iżda biss illi jżommu lill-konvenut milli jinqeda b'servitù fuqha.

"Nibdew billi nqisu t-talba biex ma jinfetħux aperturi.

"Din it-talba, fiċ-ċirkostanzi, tista' tkun biss emulattiva. L-atturi ma huma sejrin iġarrbu ebda tfixkil jew inkonvenjent billi tinfetaħ apertura tħares fuq art li huma b'ebda mod ma' jistgħu jinqdew biha għax għandha kejl ta' metru kwadru wieħed biss, waqt illi l-konvenut iġarrab inkonvenjent serju għax ma jkunx jista' jinqeda bl-art tiegħu jekk, kontra l-liġi sanitarja, ma jkollux aperturi fuq il-faċċata tal-bini tiegħu.

"Dwar it-talba biex il-konvenut ma jgħaddix fuq l-art, ladarba l-art teknikament għadha tal-atturi dan il-jedd ta' proprjetà għandu jiġi rispettat. Billi, iżda, l-art hija meħtieġa għall-konvenut biex ikun jista' jidħol ġewwa l-proprjetà tiegħu, igħodd għall-każ dak li jgħid l-art. 447(1) tal-Kodiċi Ċivili:

""447. (1) Is-sid li l-fond tiegħu m'għandux ħruġ fuq it-triq pubblika, jista' jġiegħel lis-sidien tal-fondi ta' ma' ġenbu li

jagħtuh il-mogħdija meħtieġa, bi ħlas ta' kumpens proporzjonat għall-ħsara li ġġib dik il-mogħdija."

"Il-liġi trid li l-kumpens ikun "proporzjonat għall-ħsara li ġġib dik il-mogħdija". Fiċ-ċirkostanzi, il-mogħdija ma ġġib ebda ħsara lill-atturi ladarba huma ma jistgħu b'ebda mod jinqdew b'dik l-art. Għalhekk il-qorti hija tal-fehma illi, flok iddaħħal lill-partijiet fi spejjeż ta' perizja biex issir stima tal-valur tal-art, għandha tillikwida l-kumpens *arbitrio boni viri* fis-somma nominali ta' mitejn euro (€200)."

Rat ir-rikors tal-atturi li in forza tieghu, ghar-ragunijiet minnhom premessi, talbu li din il-Qorti joghgobha tirriforma s-sentenza tal-ewwel Qorti billi:

"i) tikkonfermaha fejn din cahdet l-eccezzjoni ta' preskrizzjoni taht l-Art. 2140 tal-Kodici Civili, u ii) thassaraha, tirrevokaha u tikkancellaha fejn din cahdet it-talbiet tal-atturi, u fejn tenniet illi l-konvenut ghandu jedd illi jghaddi bir-rigel u bl-ingenji fuq l-art li dwarha saret il-kawza, li tibqa proprjeta` tal-atturi, b'dan illi ghandu jhallas lill-atturi kumpens darba wahda biss ta' mitejn Ewro (€200); u iii) konsegwentement tilqa' t-talbiet attrici bl-ispejjez taz-zewg istanzi kontra l-konvenut appellat."

Rat ir-risposta tal-konvenut li in forza taghha, ghar-ragunijiet minnu premessi, talab illi l-appell interpost mill-atturi appellanti jigi michud bl-ispejjez;

Semghet lid-difensuri tal-partijiet;

Rat l-atti kollha tal-kawza u d-dokumenti esebiti;

Ikkunsidrat:

Illi din hi azzjoni *negatoria servitutis* biex l-atturi jzommu lill-konvenut milli jghaddi jew jiftah aperturi fuq art li jghidu li hi taghhom. Il-konvenut allega li dik l-art, fil-fatt, kienet tieghu, u bhala titolu strah fuq il-preskrizzjoni akkwizittiva ta' ghaxar snin taht l-Artikolu 2140 tal-Kodici Civili. L-ewwel Qorti cahdet din is-sottomissjoni u l-konvenut ma

ressaq ebda appell minn din il-parti tas-sentenza, u kwindi ghandu jitqies li ghaddiet in gudikat.

Dwar il-meritu tat-talbiet attrici, l-ewwel Qorti irrikonoxxiet li l-konvenut kien ried jiftah aperturi fuq art tal-atturi, izda qieset l-oggezzjoni bhala wahda emulattiva peress li l-atturi ma setghux jinqdew bil-bicca art tal-kejl ta' metru kwadru biss. Inoltre, osservat ukoll li l-art hija mehtiega ghall-konvenut biex ikun jista' jidhol fil-proprjeta` tieghu, u akkordatlu servitu` ta' passagg versu hlas ta' kumpens ghal darba wahda ta' €200.

L-atturi appellaw mis-sentenza, bl-aggravju principali jkun li dak li jkun ma jistax jinvoka a favur tieghu l-provediment tal-ligi, meta jkun hu stess li pogga ruhhu f'sitwazzjoni li jkollu bzonn ir-rimedju tal-ligi.
Trattat l-appell, u meqjus, fl-ewwel lok, il-pretensjoni tal-konvenut li jinghata access ghall-proprjeta` tieghu minn fuq l-art tal-atturi, din il-Qorti tirrileva li l-fond tal-konvenut ma sarx maghluq minn kull naha minhabba bejgh, tpartit jew qsim, jew xi haga ohra li ghamel hu. Kif uriet l-ewwel Qorti, l-*plot* tal-konvenut kienet tmiss "ma' triq progettata", pero`, gara li meta l-awtoritajiet gew biex jippjantaw it-triq fuq l-art, hargu aktar 'il barra bir-rizultat li bejn it-triq u l-*plot* tal-konvenut thalliet porzjoni art, li ghandha estensjoni ta' kejl ta' 1.02$m^2$ u li tappartjeni lill-atturi.

Issa hu veru li meta l-konvenut xtara l-art f'Mejju tal-2000, it-triq kienet ilha ffurmata, u hu xtara l-art bl-istess kejl li bih giet indikata l-art fil-kuntratti tal-aventi kawza tieghu (u allura kieku kejjel il-*plot*, kien jinduna li sat-triq kif iffurmata kien hemm aktar kejl milli hemm indikat fil-kuntratt), pero` meta xtara bil-konfini sat-triq u l-kuntratt tal-aventi kawza kien juri li l-*plot* tikkonfina mat-triq gdida progettata, ma kellux x'jahseb li dik il-*plot* sat-triq ma kienitx kollha tieghu. Meta tqis li d-differenza fil-kejl kienet biss ta' ftit aktar minn metru, wisq probabli kellu jsir *survey* tal-art biex din tirrizulta, u ghalhekk, ghalkemm fit-teorija setgha jinduna mid-diskrepanza, ma jistax jinghad li l-interkjuzura tal-*plot* tieghu sehhet b'agir tieghu stess, kif kien il-kaz fil-kawza **DeGiorgio v. Zammit Tabona**, deciza mill-Prim'Awla tal-Qorti Civili fil-15 ta' Ottubru 1982, u li ghaliha ghamel

riferenza l-appellant fir-rikors tal-appell tieghu. Il-principju li *"le parti non possono far subire al vicino le conseguenze di una interclusione che risulta dal loro fatto"*, ma jsibx applikazzjoni f'dan il-kaz, ghax li gara kien rizultat ta' caqliq fl-*alignment* tat-triq konsegwenza tal-fatt li terzi ghamlu l-binja taghhom aktar 'il barra milli suppost.

B'danakollu, din il-Qorti tara li l-kumpens li jrid l-Artikolu 447(1) ghandu jkun aktar mis-somma nominali li ffissat l-ewwel Qorti. Hu veru li dik il-porzjoni art kienet intiza ghat-triq, pero`, issa m'ghadhiex hekk destinata. Fil-kawza **Zammit v. Pellegrini Petit**, deciza minn din il-Qorti fis-27 ta' Gunju 2008, u li ghaliha ghamlu riferenza l-atturi appellati, ma nghatax kumpens ghall-uzu ta' porzjoni art tal-atturi li spiccat ukoll bhala l-uniku access ghall-konvenuti, peress li l-art, f'dak il-kaz, baqghet zona stradali u l-attur ma kellux jinghata kumpens meta naqas li jifforma t-triq kif provdut fl-Artikolu 20 *et sequitur* tal-Kodici tal-Ligijiet tal-Pulizija. F'dan il-kaz il-parti tal-art in kwistjoni tal-atturi m'ghadiex aktar stradali, u meta tqis li l-konvenut setgha jkun jaf bid-diskrepanza anke qabel ma xtara l-*plot* tieghu, tara li l-kumpens ghall-uzu ta' passagg minn fuq l-art tal-atturi ghandu jkun ta' €800.

Ghar-rigward tal-ftuh ta' aperturi mill-konvenut ghal fuq din il-porzjoni art tal-atturi, din il-Qorti taqbel li din l-opposizzjoni mill-atturi hi, fic-cirkostanzi, wahda emulattiva. Kif jghid il-Fadda fil-kuntest tal-Artikolu 533 tal-Kodici Civili Taljani ekwivalenti ghall-Artikolu 414 tal-Kodici Civili taghna,
*"il principio contenuto nel articolo 533cc per cui ogni propretario puo` alzare il muro comune dev essere inteso in armonia a quei principi di equita` ed di onesta` che limitano l'esercizio della proprieta` … e cosi l'inalzamento puo` essere vietato in omaggio alla ragione della legge e al principio malitis non est indulgendum, quando esso nel mentre non arricherebbe alcun utile a quelli che la progetta non potrebbe a meno che nuocere gravamente al vicino e percio costituisce nul altro che un atto di emulazione."*

(ara applikazzjoni ta' dan il-principju fil-kawza **King v. Galea et**, deciza minn din il-Qorti fit-8 ta' Jannar 2010).

F'dan il-kaz, la darba *rebus sic stantibus* lill-konvenut inghata dritt ta' passagg minn fuq din il-porzjoni zghira ta' art tal-atturi, u l-istess art ma tistax tigi zviluppata, anke ghaliex, kif inghad, ghandha kejl ta' metru kwadru wiehed biss, ikun kontra l-principju ta' gustizzja u ekwita` li l-konvenut ma jithalliex jiftah l-aperturi li ghandu bzonn biex ikun jista' jibni fuq il-*plot* kif iridu l-ligijiet tal-pajjiz.

Din il-Qorti trid taghmilha cara li l-art in kwistjoni se tibqa' tal-atturi u filwaqt li l-jedd ta' moghdija huwa servitu` regolat bil-ligi (Artikolu 447 tal-Kodici Civili), il-ftuh ta' aperturi mhux qed jigu koncessi bhala servitu`, jghaddi kemm jghaddi zmien minn fuqhom, izda bhala koncessjoni prekarja diment li s-sitwazzjoni tal-proprjeta` tibqa kif ezistenti. Jekk jinbidlu c-cirkostanzi ta' fatt, jista' jkun hemm lok ta' bidla f'dak li ntqal aktar qabel.

Ghaldaqstant, ghar-ragunijiet premessi, tiddisponi mill-appell interpost mill-atturi billi tilqa' l-istess biss in parte, u dan billi tikkonferma s-sentenza tal-ewwel Qorti, b'dan biss li l-kumpens li ghandu jithallas ghal darba wahda biss mill-konvenut lill-atturi ghandu jkun ta' €800 (u mhux ta' €200 kif stabbiliet l-ewwel Qorti).

L-ispejjez kollha tal-kawza inkluzi dawk in prim istanza, ghandhom jithallsu bin-nofs bejn il-partijiet.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------